A.L. 92 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Education (Administration and Management) – P.G. Dip. Ed.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Education (Administration and Management) – P.G. Dip. Ed. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Education (Administration and Management) – P.G. Dip. Ed. – ippubblikati bħala l-Avviż Legali 185 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2006 jew wara.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Biex jidħlu għall-Kors, l-applikanti għandu jkollhom waħda mill-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad fl-edukazzjoni minn din l-Universita' jew minn universita' rikonoxxuta oħra, flimkien ma' seba' snin esperjenza ta' tagħlim fuq bażi *full-time;* jew

(b) grad u Postgraduate Certificate in Education, it-tnejn miksuba minn din l-Universita' jew minn universita' rikonoxxuta oħra, flimkien ma' seba' snin esperjenza ta' tagħlim fuq bażi *full-time;* jew

(ċ) grad u Graduate Teachers' Certificate maħruġ mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, flimkien ma' għaxar snin esperjenza ta' tagħlim fuq bażi *full-time*; jew

(d) ċertifikat ta' għalliem mill-Kulleġġi Maltin ta' l-Edukazzjoni, flimkien ma' għaxar snin esperjenza ta' tagħlim fuq bażi *full-time.*

(2) Applikanti bi grad ta' Master u b'seba' snin esperjenza ta' tagħlim fuq bażi *full-time* jidħlu f'kors preparatorju ta' sena studju fuq bażi *part-time* li jkopri taqsimiet studju fit-teorija ta' l-edukazzjoni u argumenti professjonali, li għalihom hemm assenjati 30 kredtu ECTS. L-applikanti jiġu rreġistrati fil-Kors meta jtemmu b'suċċess il-kors preparatorju.

(3) Il-Bord jista' jikkonsidra wkoll applikanti li jaħdmu f'pożizzjoni amministrattiva f'istituzzjoni edukattiva f'livell ta' mhux anqas minn Assistent Kap ta' Skola.

(4) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba jattendu għal intervista sabiex tiġi valutata d-dispożizzjoni tagħhom biex isegwu l-Kors skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'."